# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 23 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 9**

**Cit. Nru. 2307/00(F1) GCD**

**Benjamin Mangion Limited**

**Vs**

**Zaffarese Visual and Display Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' elfejn hames mija u lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm2,501.14,0) rapprezentanti prezz ta' xoghol ta' stampar effettwat mis-socjeta` attrici fuq inkarigu ta' l-istess socjeta` konvenuta;

Illi ghalkemm debitament interpellata sabiex thallas dan l-ammont, ukoll permezz ta' ittra interpellatorja datata erbgha (4) ta'

Lulju 2000 u ittra ufficjali datata disgha (9) ta' Awissu 2000, is-socjeta` konvenuta xorta wahda baqghet inadempjenti; u

Illi l-ammont dovut huwa cert, likwidu u dovut;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' elfejn hames mija u lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm2,501.14,0);

2. tiddeciedi skond it-talba, bid-dispensa tas-smigh tal-kawza;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata erbgha (4) ta' Lulju 2000 u ta' l-ittra ufficjali datata disgha (9) ta' Awissu 2000, u bl-imghaxijiet, mid-dati tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Benjamin Mangion u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat in-nota li biha s-socjeta` attrici naqqset it-talba ghal Lm501.14 oltre l-imghax u l-ispejjez.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet kif imnaqqsa, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm